MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Rikors Numru. 1204/2008

**Av. Patrick Spiteri**

***Versus***

**Av. Ramona Frendo, Av. Davinia Cutajar u Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali**

F’dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-qorti tħassar taxxa ta’ drittijiet ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili [“ir-Reġistratur”] favur iż-żewġ intimati l-oħra.

Ir-rikorrent fisser illi l-Avukat Ramona Frendo u l-Avukat Davinia Cutajar [“l-ewwel intimati”] kienu qegħdin jassistuh fi proċeduri ġudizzjarji. Meta huwa talab illi jirrinunzjaw għall-patroċinju tiegħu, l-ewwel intimati kisbu mingħand ir-Reġistratur taxxa tal-ispejjeż u tad-drittijiet ġudizzjarji fl-atti tar-rikors numru 261/2007 u taxxa oħra ta’ drittijiet għal serviġi extra-ġudizzjarji. B’ittra uffiċjali tal-10 t’Ottubru 2008, notifikata lilu fit-3 ta’ Novembru 2008, ir-rikorrent ġie msejjaħ sabiex iħallas b’kollox għaxart elef, mija u seba’

euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€10,107.93) bħala drittijiet u taxxa fuq il-valur miżjud.

Id-drittijiet inħadmu fuq iċ-ċifra ta' miljun, mija u erbgħa u sittin elf, sitt mija u sitta u tmenin euro u sebgħin ċenteżmu (€1,164,686.70) attiv u miljun, mija u disgħa u sittin elf, sitt mija u tletin euro u tmenin ċenteżmu (€1,169,630.80) passiv, murija b'nota tat-28 ta' Lulju 2008 ippreżentata mill-ewwel intimati bla ma kien jaf ir-rikorrent.

Ir-rikorrent ma qabilx ma' kif inħadmet it-taxxa għax ir-Reġistrattur ma qiesx illi l-assi huma pratikament xejn għax id-dejn huwa akbar.

It-taxxa għal drittijiet extra-ġudizzjarji wkoll inħadmet fuq tagħrif mogħti b'nota tas-16 ta' Lulju 2008 ippreżentata mill-ewwel intimati. Dik in-nota tgħid illi flimkien magħha ġew ippreżentati dokumenti li iżda ma dehrux fil-proċess.

Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrent talab illi l-qorti tħassar kemm it-taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji u kemm dik ta' drittijiet extra-ġudizzjarji.

Ir-Reġistratur wieġeb fil-15 ta' Jannar 2009 u l-ewwel intimati wkoll wieġbu fil-15 ta'Jannar 2009. Fis-16 ta' Jannar 2009 l-ewwel intimati ippreżentaw id-dokumenti relativi għad-drittijiet extra-ġudizzjarji, u fl-24 ta'Marzu 2009 ippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet li għalihom wieġeb l-intimat fit-13 ta' Frar 2009.

Dwar id-drittijiet ġudizzjarji

Il-qorti tibda biex tgħid illi l-ilment tar-rikorrent illi r-Reġistratur ma qiesx illi d-djun huma akbar mill-assi, b'mod illi l-valur nett huwa negattiv, ma huwiex ġustifikat.

Kif jidher ċar mill-para. 16 tat-Tariffa E mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-dritt f'każ bħal dak tallum jinħadem "fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma", u għalhekk ir-Reġistratur għamel sew li ħadem fuq l-ogħla bejn l-assi u d-djun.

Tibqa' l-kwistjoni dwar il-valuri.

Ladarba l-valur tal-meritu tal-proċeduri ġudizzjarji li għalihom l-ewwel intimati qegħdin jippretendu ħlas ma jirriżultax mit-talbiet magħmula fl-att li bih inbdew dawk il-proċeduri, dak il-valur irid jiġi determinat mill-atti tal-proċeduri. Dwar dan, l-ewwel intimati qalu hekk:

… … … f'kull każ fejn … … … ma jkunx jirriżulta valur determinat mill-atti, il-proċedura stabbilita hija illi tiġi

sottomessa nota bi qbil bejn il-konsulenti legali tal-partijiet, illi tindika l-valur, sabiex jiġu intaxxati d-drittijiet relativi.

Issa, mill-atti ta' dawn il-proċeduri, għandu jirriżulta illi meta ġiet ippreżentata n-nota dikjaratorja dwar il-valur għall-finijiet ta' taxxa, l-esponenti ma stmawx l-assi arbitrarjament jew b'mod approssimattiv, iżda straħu fuq stimi oġġettivi ta' esperti, u fuq dokumenti uffiċjali u ta' dominju pubbliku.

*Inoltre*, mart ir-rikorrenti odjern, *tramite* l-konsulent legali tagħha, irrikonoxxiet dawn il-valuri bħala ġusti. Ovvjament, wieħed ma jistenniex illi n-nota relativa għall-valuri kellha tiġi ffirmata mir-rikorrenti odjern, *stante* illi dan qiegħed, kjarament, jagħmel minn kollox sabiex jeludi d-drittijiet tal-esponenti.

Fil-każ fejn il-kontestazzjoni tkun bejn il-partijiet fil-kawża, wieħed jifhem illi qbil bejn l-avukati jkun effettivament ifisser qbil bejn il-partijiet; l-istess iżda ma jistax jingħad għal każ, bħal dak tallum, fejn il-kontestazzjoni hija bejn parti u l-avukat tiegħu stess – ladarba hemm konflitt ta' interess, ma jistax avukat jorbot lill-klijent tiegħu, lanqas bil-kunsens tal-avukat tal-parti l-oħra.

Lanqas ma huwa konkluživ il-fatt illi, biex għamlu n-nota tal-valuri, l-ewwel intimati "straħu fuq stimi oġġettivi ta' esperti, u fuq dokumenti uffiċjali u ta' dominju pubbliku". Stima ta' espert ma hijiex sentenza tal-qorti; ma hijiex finali u ma torbotx lill-partijiet. Effettivament, li ġara hu li t-taxxa inħadmet fuq stqarrija unilaterali ta' parti interessata, mingħajr notifika lill-parti l-oħra li saret taf bit-talba għat-tassazzjoni biss wara li t-tassazzjoni kienet ġà saret. Dan imur kontra l-prinċipju *audi alteram partem*, u parti ma titlifx il-jedd tagħha li tinstema' għax il-parti l-oħra tagħmel allegazzjoni li dik il-parti qiegħda tagħmel minn kollox biex taħrab l-obbligazzjonijiet tagħha.

Fil-fatt jidher ċar illi r-Reġistratur kien żgwidat bin-nota tal-ewwel intimati tat-28 ta' Lulju 2008 dwar il-valuri, għax, kif jidher mid-dokument li jinsab *fol*. 21 tal-proċess tal-lum, ħaseb li dik kienet "nota konġuntiva", *i.e.* tal-partijiet flimkien, meta ma kinitx hekk għax l-ewwel intimati ma kinux għadhom jippatroċinaw lir-rikorrent li ma deherx fuq in-nota li għalhekk ma torbtux.

Il-qorti tagħmilha ċara li ma hijiex qiegħda tgħid illi t-tassazzjoni ma setgħetx inħadmet fuq il-valur mogħti mill-

espert;  qiegħda tgħid biss illi dan seta’ jsir biss wara li n-nota bil-valuri tkun notifikata lill-parti interessata u din tkun ingħatat l-opportunità tagħmel l-osservazzjonijet tagħha dwarha.

Dwar id-drittijiet extra-ġudizzjarji

L-istess jingħad dwar it-taxxa ta’ drittijiet extra-ġudizzjarji. Dawn ukoll inħadmu fuq tagħrif mogħti b’nota li ma kinitx notifikata lill-parti interessata, u għalhekk it-tassazzjoni saret bi ksur tal-prinċipju *audi alteram partem*.

Il-qorti għalhekk tilqa’ t-talba tar-rikorrent għat-tħassir tat-taxxa ta’ drittijiet kemm ġudizzjarji u kemm extra-ġudizzzjarji.  Billi r-rikorrent issa jaf bin-noti tal-ewwel intimati u bil-kontenut tagħhom, ma huwiex meħtieġ li jerġa’ jiġi notifikat bihom, u l-qorti tagħtih għoxrin jum millum biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwarhom u tidderieġi lir-Reġistratur sabiex jaħdem it-taxxa ta’ drittijiet mill-ġdid wara li jqis ukoll l-osservazzjonijet tar-rikorrent jew wara li jkun għadda għalxejn iż-żmien mogħti lir-rikorrent.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri tallum iħallsuhom l-ewwel intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------